MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 26/2003

**Anthony Attard**

**vs**

**Joseph Pitre'**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tikkundanna lill-konvenut Joseph Pitre' ta' "La Favorita" Triq l-Imhalla, Naxxar, Malta ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) fi Triq Santa Elizabetta, Xewkija, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Mazda u bin-numru tar-registrazzjoni JOP 003 appartenenti u misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Citroen u bin-numru tar-registrazzjoni AAC 928 misjuqa u appartenenti lill-attur, u ta' liema incident inti konvenut kont unikament

responsabbli minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fl-14 ta’ Jannar 2003, l-ittra ufficjali mibghuta lilek f’Jannar 2003 u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.”

Ra r-risposta:

“Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex ir-responsabbilita’ ghall-incident de quo tinkombi unikament u esklussivament fuq l-attur Anthony Attard ghaliex kien huwa illi saq il-vettura tieghu b’mod traskurat u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra;

Illi l-fatti huma dawn:

L-incident gara fi Triq Santa Elizabetta, Xewkija, Ghawdex li kuntrarjament ghall-maggor parti tat-toroq f’dak ir-rahal hija triq wiesa’ u dritta u li ghalhekk tikkonsentixxi vizwali fit-tul.  It-triq hija one-way.  Il-konvenut li ried ihott xi merkanzija f’hanut li ghandu drive-in fuq in-naha tax-xellug int u niezel minn din it-triq skond il-linja saq sa quddiem dan il-hanut, waqaf momentarjament u beda jirriversja ghal gewwa d-drive-in tal-hanut imsemmi.  L-attur li kien gej minn warajh ipprova jissorpassah meta sehhet il-habta.  Fejn sehh l-incident, fuq in-naha tal-lemin tat-triq kien hemm vettura pparkjata.  Minhabba din il-vettura, kien baqa’  ezatt wisa’ bizzejjed biex l-attur jibqa’ ghaddej minghajr ma jahbat mal-konvenut, ghalkemm mhux bil-kumdita’.  It-Triq kienet imxarrba bix-xita li kienet

ghamlet iktar kmieni f'dik il-gurnata. Fiha ma kien hemm l-ebda tip ta' tyre-marks u b'mod partikolari l-anqas kien hemm brake-marks.

L-attur quddiem it-Tribunal tenna l-istess verzjoni li ta' lis-surgent *a tempo vergine*. Huwa qal li huwa u jsuq 'l isfel fit-triq lemah il-vettura tal-attur **wieqfa** fuq in-naha tax-xellug u vann ukoll wieqaf fuq in-naha tal-lemin tieghu. Billi ra li kien hemm wisa' bizzejjed imnejn jghaddi kompla jsuq meta l-vettura tal-konvenut laqtitu kemm kemm. Iz-zewg vetturi waqfu izda l-konvenut kompla bil-manuvra ta' riversjar u kien hawnhekk li sehhet il-parti l-kbira tal-hsara billi l-karozza tal-konvenut hakket bi zbrixx matul prattikament il-gemb kollu tax-xellug tal-vettura tal-attur. L-attur ma jafx jekk rax *ir-reversing lights* tal-konvenut mixghulin qabel il-habta u donnu l-anqas jaf li dawn jezistu. Skond l-attur, meta lemah lill-konvenut, dan kien qieghed ihares 'l isfel, bhalma kien l-attur huwa u niezel fl-istess direzzjoni u cioe' skond l-attur il-konvenut kien ghadu ma bediex il-manuvra tar-riversjar.

Il-konvenut *a tempo vergine* qal lil WPS 160 Josephine Camilleri – li t-Tribunal josserva li hija surgent ferm preciza fir-rapporti li taghmel u ghalhekk b'mod partikolari wiehed jista' joqghod fuqha - li kien qieghed jirriversja ghal god-dahla ta' quddiem il-hanut Reno's Ironmongery. Kien qed ihares lura. F'daqqa sema hoss, waqaf, hares 'il quddiem u ra l-vettura tal-attur wieqfa bejnu u l-vann ipparkjat fuq in-naha l-ohra tat-triq. Wara li sehh l-incident qal li jista' jkun li rriversja ftit lura qabel ma waqaf ghal kollox. Quddiem it-Tribunal il-konvenut xehed li meta saret il-habta huwa kien kwazi dar ghal kollox u kien kwazi dahal fid-drive-in tal-hanut. Meta sehhet il-habta kien qed ihares lura. Lill-attur ma ndunax bih ghax skond hu dan kien gej *at quite a good speed*. Induna bil-habta biss meta hassha. Ghalkemm qal li seta' qal lis-surgent li wara l-habta kompla jsuq lura, insista li fil-fatt mal-habta waqaf.

Ikkunsidra:

Illi mid-daqs u x-xorta tad-danni subiti fiz-zewg vetturi tista' facilment issir rikostruzzjoni tad-dinamika tal-incident

kif gej: meta sehhet inizjalment il-habta, il-vetturi kienu ras-imbras iharsu fl-istess direzzjoni u anzi l-attur kien issorpassa lill-konvenut b'xi metru tant li ma gratlux hsara fil-front bumper. Difatti grat hsara fil-front bumper u front right mudguard tal-vettura tal-konvenut u fil-front left mudguard tal-vettura tal-attur. Mir-ritratt JP2 esibit mill-konvenut jidher li l-hsara hija migbura fuq <u>il-gemb</u> tan-naha ta' quddiem tal-karozza tieghu. Dawn l-elementi kollha juru li allura l-konvenut mhux veru li kien diga' kwazi ikkonkluda l-manuvra ta' reversjar tieghu ghal gewwa d-drive-in, kif huwa allega quddiem it-Tribunal. Kieku kien hekk, il-habta kienet tkun fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu, ossia fuq quddiem u l-gemb ta' quddiem. Id-daqqa, invece, kienet biss fil-gemb ta' quddiem u kienet biss bi sbrixx. Ghall-kuntrarju, il-hsarat imsemmija juru appuntu li l-konvenut <u>kien ghadu fil-bidu nett</u> tal-manuvra ta' riversjar. Ir-ritratti JP1 u JP2 juru l-posizzjoni tal-vetturi meta spiccat il-habta u cioe' wara li l-konvenut baqa' jdur u jirriversja anke wara li sehh l-impatt inizjali. Fi kliem iehor, kien waqt il-habta, u mhux qabel il-habta, li l-konvenut dar sakemm gie prattikament kartabun mat-triq.

L-attur kien gej bi speed baxx hafna, ghax kieku apparti li l-hsara kienet tkun kemmxejn ikbar u iktar accentwata, huwa ma kienx jirnexxilu jieqaf biswit il-konvenut minghajr il-htiega li jaghfas il-brejkijiet. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut li l-attur kien gej bi speed pjuttost qawwi ma tistax tigi accettata.

Il-konvenut ma rax lill-attur gej. Dan juri li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper look-out* ghal min gej warajh huwa u jaghmel il-manuvra minnha nnifisha perikoluza ta' riversjar specjalment tenut kont li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm vettura pparkjata u ghalhekk il-konvenut kien qieghed jostakola parzjalment il-karreggjata. Hemmhekk, kif inghad, il-konvenut kellu vizwali eccellenti ghat-tul tat-triq imnejn kien gej l-attur. Messu lemah lill-attur gej u waqaf sakemm dan lahaq ghadda. Imma jirrizulta mir-*res gestae* li l-konvenut ma rax lill-attur gej tant illi anke meta sehhet il-habta inizjali huwa ghalkemm ghall-ewwel waqaf, xorta kompla

jdawwar lura qisu ma gara gejn bir-rizultat li barax iz-zewg bibien xellugija tal-vettura tal-attur. Il-Highway Code Ingliz (para 178) jispjega b'mod ferm inciziv id-dmirijiet tas-sewwieq li jkun qieghed jirriversja:

**Look carefully before you start reversing. You should**

- *Use all your mirrors*
- *Check the 'blind spot' behind you (the part of the road you cannot see clearly in the mirrors)*
- *Check there are no pedestrians, particularly children, cyclists or obstructions in the road behind you*
- *Look mainly through the rear window*
- *Check all around you just before you start to turn and be aware that the front of your vehicle will swing out as you turn*
- *get someone to guide you if you cannot see clearly.*

Fil-ktieb *Driving- The Essential Skills-* pubblikazzjoni ufficcjali tad-Driving Standards Agency tar-Renju Unit (2001) li hija s-successur tal-*Official Driving Manual,* pagna 186 jinghad dwar *reverse parking*: *remember, while you're carrying out this manouvre, you could be a hazard to other road users. Good all-round observation is essential throughout this manouvre. Don't start to manouvre if you're likely to endanger other road users. Other drivers might not be aware of your intentions, so before you pull up at the place you've chosen to park, remember to carry out the MSM routine (mirror-signal-manouvre).*

Min-naha l-ohra, l-attur ukoll ma kienx qieghed izomm *a proper look-out* ghax l-anqas ittenda li l-konvenut kien sejjer jibda jirriversja. Il-konvenut ghalkemm kien wieqaf, probabilment kellu r-*reversing-lights* mixghulin (sakemm ma kellhomx xi hsara – haga li ma tirrizultax) ghax appena waqaf dan beda l-manuvra ta' riversjar. Il-konvenut ukoll kellu vizwali cara u zgur li ra, jew messu ra, lill-konvenut inaqqas l-ispeed sakemm waqaf u xeghel ir-reverse lights. Kien ikun different l-kaz, per ezempju, kieku l-attur kien ghadu kemm dar minn liwja jew minn kantuniera u sab lill-

konvenut go wiccu.  Di piu', l-attur huwa residenti x-Xewkija u zgur li huwa ferm familjari mal-post.

B'danakollu, ir-responsabilita' tal-konvenut hija indubitament ikbar minn dik tal-attur u t-Tribunal qieghed japporzjona r- responsabilita' tal-incident kwantu ghal tmenin fil-mija lill-konvenut u ghoxrin fil-mija lill-attur.

Il-kwantum tad-danni ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parti t-talba tal-attur, isib lill-konvenut responsabbli fil-proporzjon ta' 80% ghall-incident u ghaldaqstant jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' LM280 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14.01.2003, l-ittra ufficcjali ta' Jannar 2003 u l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba u notifikata lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut.  Salv dejjem li jibqa' impregudikat id-dritt ghal kwalunkwe kumpens dovut mill-attur ghall-hsarat tal-konvenut, billi ma saritx kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------